**8 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B. Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Paul Zammit

**Reat tal-Kap ta' Familja li jħalli l-Familja fil-Bżonn**

*F'reat attribwit lill-kap ta' familja, li jkun ħalla l-martu u/jew lill-uliedu fil-bżonn, mhux biżżejjed is-sempliċi fatt, waħdu, li hu jkun naqas li jħallas il-manteniment lill-martu u/jew lill-uliedu, imma jeħtieġ li jikkonkorri xi element li joffendi*

*l-ordni publiku; għax din hija kontravvenzjoni kontra l-ordni publiku. Jekk ir-raġel ikun qiegħed jaħdem u jaqla, u ċjò non cstanti ma jieħux ħsieb imantni lill-martu u/jew lill-uliedu, b'nonkuranza evidenti tad-doveri tiegħu bħala kap ta' familja, dan il-fatt stess jikkostitwixxi żregolatezza, u hu element ta' "misconduct" li jinteressa l-ordni publiku, kif inhu element ta' "misconduct" il-fatt li r-raġel ikun qiegħed jgħaddi ħajja ħażina u jkun diżokkupat b'indolenza tiegħu; imma meta ma jkunx hemm l-element tal-"misconduct", allura s-sempliċi fatt li għal xi żmien ir-raġel, bla ħtija tiegħu, ma tgħax manteniment lill-martu u/jew lill-uliedu, waħdu, ma hux biżżejjed biex iġib responsabbiltà kriminali u jintegra dan ir-reat.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat, quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli fil-Gżira, u fi bnadijiet oħra, f'dawn l-aħħar tliet xhur, ħalla lill-mara tiegħu Nazzarena u lill-erbgħa t-itfal minuri tagħhom fil-bżonn, minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Frar 1961, li biha sabitu ħati u kkundannatu għall-piena tad-detenzjoni għal żmien xahar;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talab li tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-provi deher li l-appellant, li l-mestjer tiegħu hu dak ta' dolċier, kien diżokkupat għal xi tliet xhur, bla ħtija tiegħu, u f'din l-epoka hu ma setgħax jagħti lill-martu, għall-manteniment tagħha u tal-erbgħa wliedu, ħlief xi ħaġa żgħira meta sporadikament kien jagħmel xi biċċa xogħol avventizja; u allura, jekk kien jaqla' lira u nofs, kien jagħti lira lill-martu u lill-uliedu. Sadattant l-appellant kien jgħix ma' ommu. Il-mara tal-appellant qalet li hija taf li fis-sengħa ta' dolċier kien hemm ħafna qagħad, u bl-ebda mod ma nkolpat lill-appellant. L-appellant u

martu jgħixu separati "di fatto", iżda mid-dar "telqet hija", bla ma ġiet mogħtija minnha ebda raġuni speċifika għaliex abbandunat id-dar konjugali. Intant, għall-kronaka ġusta tal-fatti, jingħad (għax legalment ma jagħmelx differenza, App. Krim. "Pul. vs. Spiteri", 24. 2. 1959), li hi qegħdha taħdem ta' barmaid, u mill-bibiti, li komunement jissejħu "landi", hi taqla' lira kulljum. Żewġ l-appellanti jrid li jerġgħu jikkoabitaw, iżda hija qalet li ma hijiex bi ħsiebha tmur miegħu; bla ma però tat ebda raġuni. Hi stqarret li l-appellant ilu ħafna jitlobha biex terġa tmur miegħu, iżda hija dejjem irrifjutat. Malli l-appellant reġà mpjega ruħu dan l-aħħar, hu beda jagħti lill-martu l-manteniment, għaliha u wliedhom, regolarment; daqqa £3. 10. 0d fil-ġimgħa u daqqa £4, skond il-qliegħ tiegħu. Ma ġietx pruvata għak-kariku tal-appellant ebda żregolatezza jew indolenza. Ma' martu, qabel din l-okkażjoni, qatt ma kellu xi jgħid. Kien sa anki pprova jistabbilixxi ruħu l-Ingilterra; kien mar għall-ewwel waħdu, ħalla mitt lira lill-martu, mbagħad telgħet hi; però ġew lura għaliex sabu li ma kienx jikkonvjeni ekonomikament li jibqgħu;

Mill-espożittiva tal-fatti tal-każ jidher ċar li ma hemmx il-kontravvenzjoni addebitata lill-appellant. F'reat simili mhux biżżejjed is-sempliċi fatt, "nudo e crudo", li l-imputat ikun naqas li jħallas il-manteniment lill-martu u/jew uliedu, imma jeħtieġ li jikkonkorri xi element li joffendi l-ordni publiku; għax din hija kontravvenzjoni kontra l-ordni publiku (App. Krim. "Pul. vs. Gpe. Schembri", 22. 3. 1958). Jekk ir-raġel ikun qiegħed jaħdem u jaqla', u ċjò non ostanti ma jieħux ħsieb imantni lill-martu u/jew lill-uliedu, b'nonkuranza evidenti tad-doveri tiegħu bħala kap ta' famlja, dan il-fatt stess jikkostitwixxi żregolatezza, u hu element ta' "misconduct" li jinteressa l-ordni publiku; kif inhi wkoll żregolatezza l-ħajja ħażina li jkun qiegħed jgħaddi r-raġel ma' nisa, jew anki f'logħob, jew xort'oħra, anki jekk juri nuqqas ta' kont għax-xogħol, u għalhekk ikun jinsab diżokkupat b'indolenza tiegħu; dan hu element ta' "misconduct". Imma meta, bħal f'dan il-każ, jonqos l-element tal-"misconduct", u ma jkunx hemm ebda żregolatezza jew indolenza, anzi ċ-ċirkustanzi juru xort'oħra, allura s-sempliċi fatt li għal xi żmien ir-raġel, bla ħtija tiegħu, ma tgħax manteniment lill-martu u/jew

lill-uliedu, waħdu, ma hux biżżejjed biex jġib responsabbiltà kriminali u jintegra din il-kontravenzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiddeċidi billi takkolji l-appell, tiddikjara l-appellant mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.